SANNAT

Minuti tat-tmien laqgħa tas-sebgħa tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 11 ta' Novembru 2009 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| | Guda Taddeus Bajada<br>Manuel Tabone<br>Joseph Bajada |
| Assenti<br>Il-Viċi-Sindku | Anthony Mercieċa |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

258 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru sebgħa li saret fil-20 ta' Ottubru 2009.

**Item 2. Mill-Minuti**

259 *(para.197)* Wara kuntatti li saru mal-Kunsill Lokali Xewkija, sar qbil li ssir laqgħa flimkien nhar il-Erbgħa,18 ta' Novembru 2009 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Sannat dwar il-proġett ta' Mġarr ix-Xini Regional Park.

260 *(para. 198)* Dwar il-ħaddiema tal-IPSL mill-*pooling* gew xi ħaddiema sabiex ikomplu jiżbgħu is-sinjali tat-toroq. L-IPSL ġew infurmati biex ikomplu jibnu parti mill-ħajt tat-Triq ta' Mġarr ix-Xini li kien imwaqqa' fejn tnaddaf it-terrapien. Ġejna nfurmati li rridu nistenew għaliex il-ħaddiema huma impejnati fi xogħlijiet oħra.

261 *(para. 199)* Rigward il-Memo 46/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ftuħ tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar ta' Sibt, l-uffiċċju qed jinfetaħ kif kien previst. Dwar il-proċess ta' *Skrivan Part Time* applikaw tlieta.

262 *(para. 200)* Dwar il-"Kampanja ta' Tindif għal Kunsilli Lokali" tkompla t-tindif tat-Toroq Mhux Urbani. Dan l-aħħar tnaddfet Triq Dun Luqa u nġieb scammel biex jinġabar l-iskart u l-ħaxix li kien hemm. Għad baqa' x'jinġabar. Fl-24 ta' Ottubru saret l-attivita' ta' tindif u ġew impjegati tal-WasteServ Malta Ltd. L-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-

Djalogu Pubbliku u Informazzjoni ma setax jattendi għaliex dak inhar il-mara tiegħu kellha tarbija. Il-Ministru Ġiovanna Debono attendiet għal din l-attivita'. Il-*clean up the World* saret filgħodu minn numru ta' tfal ta' l-iskola primarja. Attendew xi nies oħra wkoll. Filgħaxija saret taħdita għall-pubbliku fil-Pjazza tax-Xelina fejn inġab l-iskart fuq il-post li nġabar minn madwar il-lokalita'. Il-Kunsill ser jingħata €100 għal Newsletter lir-residenti, €200 Clean up the World mit-Tfal u €200 għal laqgħa għall-pubbliku. Tnaddfet ukoll Triq l-20 ta' Lulju.

263 *(para. 201)* Għal din il-laqgħa attendew ukoll Terry Attard it-tifal ta' Joseph Attard li hu indispost. Dan hu l-kuntrattur tax-xogħol tal-bini u ta' Lot A u Lot B tal-finishing tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv. Attenda wkoll s-sub-contractor tat-tikħil, żebgħa u tqiegħid tal-madum. Dwar dik tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv, il-perit bagħat kont li jkopri il-maġġur parti tal-kont *(First Bill)* imma mhux finali għaliex għad baqa xi xogħlijiet li ma humiex inklużi li saru riċentement. Kopja tiegħu ġiet ippreżentata lill-kunsilliera. Dan il-kont kien ta' €62,444.89ċ. Minn dan irid jitnaqqas id-*discount* ta' €439.23ċ li jiġi €62,005.67ċ, kif ukoll il-5% tal-perit li hu ta' €3,100.00ċ li jiġi total ta' €58,905.67ċ. Minnu jrid jitnaqqas ukoll €23,294 li kienu tħallsu bejn kont f'April 2009. Il-Kunsill qabel ukoll li minn dan l-ammont jitnaqqsu l-multi li kien hemm imposti peress li x-xogħol ma kienx lest fil-ħin. Din il-multa hi ta' €116.41ċ kuljum għal erbgħa u tletin ġurnata li tammonta għal €3,959.98ċ. Il-perit bagħat ukoll kont (stima) tax-xogħol li sar sa issa tal-finishing Works (Lot A) tal-tikħil u tqiegħid tal-madum li sar sa issa, imma mhux finali għaliex għad baqa' xogħlijiet oħra xi jsiru. Dan kien jammonta għal €14,531.51ċ. Minn dan irid jitnaqqas il-5% tal-perit li hu ta' €726.00ċ li jiġi €13,805.51ċ. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' dawn il-kontijiet.

264 *(para. 205)* Dwar l-applikazzjoni ta' John Grima fit-28 ta' April 1688 li tmiss mal-bini tal-Kunsill il-ġdid, għamel pjanti ġodda u l-perit għandu jmur għand il-MEPA biex jivverifika t-tibdil fil-pjanti li saru.

265 *(para.206) L*--applikazzjoni tal-Iskema Inizjattivi Sportivi saret u irċivejna l-*acknowledgement.*

266 *(para. 208)* Dwar id-dawl tal-fanali tal-pjazza, il-kuntrattur qal li skont il-kuntratt ma jistax jagħmel salvavita akbar sabiex ma jibqgħux jintfew. Għalhekk ser issir laqgħa mal-Contracts Manager u Richard Cauchi nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novemnru 2009.

267 *(para. 209)* Il-ħaddiema tal-*Community Works Scheme* lestew it-tindif ta' Triq Dun Luqa fejn mhix asfaltata. Inġieb scammel sabiex jiġbor il-kumplament tal-ħaxix minn Triq Dun Luqa. Inġabar parti minnu biss u għandu jinġieb darba oħra jew tnejn sabiex jinġabar dak li fadal fi Triq 20 ta' Lulju.

268 *(para. 210)* Dwar ix-xiri tal-komputer il-Kunsill qabel li dan jinxtara Vista li jkun jista' jinqaleb XP.

269 *(para. 222)* Waslet ittra oħra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar diffikultajiet li jikkonċernaw il-ġbir tal-iskart minn intarpriżi kummerċjali. L-istruzzjonijiet li ngħataw huma li għalissa għandu jibqa' kollox l-istess għaliex għaddejjin diskussjonijiet dwar din il-materja mal-partijiet interessati u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

270 *(para. 226)* It-tabelli tas-sinjali tat-toroq li kellhom jinbidlu mill-Kunsill twaħħlu. Il-kuntrattur għadu jrid jagħmel dawk li jindikaw *Ta' Saguna Cliffs* li ser jitlestaw il-ġimgħa d-dieħla.



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

271 (*para. 234)* Il-ħarġa għall-Anzjani f'Malta saret kif kien previst nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009. Din kienet tikkonsisti f'quddiesa, imorru l-monti tal-Birgu, l-ikel ikun fil-Fanal Restaurant. Wara żaru l-katakombi ta' San Pawl, ir-Rabat.

272 *(para. 235)* Għal post ta' skrivan Part Time mal-Kunsill applikaw tlieta permezz tal-ETC. L-għażla tal-interviewing Board tħalliet għal darba oħra.

273 *(para. 236)* Dwar it-tiżjin ta' Triq Sannat fil-Milied, Josef Azzopardi għamel stima għolja ħafna u l-Kunsill qabel li jkellem lil tal-armar tal-festa biex jekk iridu jarmaw huma bil-materjal li hemm fil-Kunsill u forsi iżidu xi ħaġa huma. F'każ li ma jaċċettawx għandu jitqabbad Michael Bugeja.

274 *(para. 238)* Għal żmien il-Milied it-tfal ta' bejn il-Kinder u Form I ser jittieħdu jaraw film, jingħataw *bag* b'affarijiet bħal juice, borża tip tat-twistees, etc. Għandhom jinħarġu biljetti għat-tfal li jkunu ser jattendu sabiex naħsbu għalihom.

275 *(para. 239)* Dwar il-grotta tal-Milied għandha titpoġġa maz-zuntier fil-post fejn kienet is-sena l-oħra. Dwar id-dawl fuq il-grotta ser titwaħħal stilla u d-dawl jittieħed mill-fistun.

276 *(para. 240)* Dwar il-kunċert fil-knisja jekk possibbli għandha ssir orkestrina mill-banda tal-lokal. F'każ li ma jaċċettawx tiġi ordnata waħda u bħala flus jintefqu bejn €700 u €800.

277 *(para. 250)* Dwar l-applikazzjoni *Measure 323 – Conservation and upgrading of the Rural Heritage*, is-Segretarju għadu jistenna sabiex jinstabu n-nies u jintbagħtu l-Kunsill sabiex jagħmlu dikjarazzjoni bħala sidien tar-raba ta' Saguna fejn hemm il-ħajt tas-sejjieħ fejn jiddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni. Il-Viċi Sindku kellu jieħu ħsieb li jkellem lil dawn in-nies.

278 *(para. 251)* It-talba tal-Kunsill lill-ADT biex Triq Dun Luqa jsir *Stop Sign* fl-art u oħra fuq *pole* fi Triq it-Tempju tal-Imramma kantuniera ma' Triq Dun Luqa ġiet approvata.

279 *(para. 252)* Dwar il-bankini ordnati għand id-Dipartiment tax-Xogħlijiet, dawn bħalissa għandhom ħafna mill-ħaddiema bil-leave.

280 *(para. 253)* Dwar l-irranġar tal-bankina tal-garaxx ta' Deatu Spiteri li hi fid-dar li għandu fi Triq Ġdida fi Triq Dun Luqa għandha tiġi rranġata mill-ħaddiema tal-Iskema Xogħol fil-Komunita'.

281 *(para. 254)* Dwar il-*One Ways* fil-parti t'isfel ta' Triq Xabbata li tmiss ma' Triq Dun Xand Aquilina (l-parti d-dejqa) u l-Pjazza tax-Xelina għandha ssir biss Give Way fi Triq Dun Xand Aquilina kif kien ippropona s-Sur Ganni Grima.

**Item 3 Korrispondenza**

282 Memo 68/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali.

283 Memo 69/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-kiri ta' Uffiċċju Reġjonali.

SANNAT

284 Memo 70/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-obbligu tal-pubblikazzjonijiet tas-Sejħiet għall-offerti u kwotazzjonijiet.

285 Ittra mill-Ministru għal Għawdex li l-laqgħa mal-Kunsill ġiet posposta mis-6 ta' Novembru 2009 għal 4 ta' Diċembru 2009 fil-4.00 p.m. fil-Ministeru għal Għawdex

286 Cirkulari tal-AKL dwar il-*Euro-Med Youth online Network* dwar seminar għal ħames persuni f'Ragusa.

287 Ittra mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar it-tkabbir tal-allokazzjoni finanzjarja għal Kunsilli Lokali għas-sena 2010.

288 Ittra mill-ADT li approvat it-talba tal-Kunsill għal *parking lines* fi Triq it-28 ta' April 1688.

289 Il-Fondazzjoni Wirt Għawdex permezz ta' ittra offrew il jikkoperaw mal-Kunsill fuq xogħlijiet ta' restawr kif ukoll fil-*management* ta' siti storiċi fil-lokalita'.

290 Ittra mill-*Physically Ħandicapped Rehabilitation Fund* fejn talbu donazzjoni.

291 Ittra minn *Fair Trading Ltd*. fejn infurmaw lill-Kunsill li huma qed jagħtu servizz ta' tbattil ta' *Bring in sites* kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

292 Il-MEUSEC ser torganizza seminar għar-raħħala, bdiewa u kumpaniji li joperaw fis-settur agrikolu.

293 Il-kordinatur tas-sezzjoni tal-kultura ta' Għawdex informa lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex li nidew kampanja "*Gozo … the place to be at Christmas*". Hemm żmien sal-20 ta' Novembru sabiex jiġu ppublikati l-attivitajiet tal-Kunsilli Lokali.

204 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu nieda inizjattiva ta' żjarat kulturali fil-Birgu.

295 Is-seminar tal-ADT ġie pospost għal 26 ta' Novembru 2009 il-Belt.

296 Greenpak bagħtu informazzjoni dwar kuntatti li għandhom ma' kumpanija Taljana dwar *packaging waste recovery scheme.*

297 Intbagħtet informazzjoni rigward il-Malta Arts Fund dwar attivitajiet għas-sena 2010.

298 Ittra mill-MCCA dwar attivitajiet organizzati f'Jannar – Marzu 2010.

299 Sejħa għal applikazzjonijiet għall-E4L Embark 4 Life – ESF 3.61 dwar *Integration of Young people into the local market.*

300 Is-Sur David Apap mill-MTA talab biex jiġi nfurmat dwar progetti relatati mat-Turiżmu 2010 – 2013.

301 Green Dot Malta Ltd., WEE Recycle, Business Development kitbu dwar ġbir ta' *packaging waste*.

302 Ittra min għand George Peresso dwar ktieb Stejjer tal-istorja.

303 Ittra mingħand George Cassar dwar il-ktieb li ppubblika bl-isem Żmien il-ħsad.

**Item 4. World Children's Day**

304 Il-Kunsill qabel li fit-22 ta' Novembru 2009 jorganizza attivita' għat-tfal. Din għandha tikkonsisti f'quddiesa fil-10 ta' filgħodu fil-knisja u wara jsiru sagħtejn ta' attivitajiet sa' 1.00 p.m. fil-pjazza. Santa Margarita. Din l-attivita' għandha tikkonsisti billi jinġieb Bouncing Castle, isiru pony rides u attivitajiet oħra. It-tfal għandhom jingħataw muffen u *milk shake*. Għandhom jinġiebu wkoll tar-Red Cross.

**Item 5. Logħba Football għal Old Boys**

305 Il-Kunsill qabel li fit-23 ta' Novembru ssir partita football għal Old Boys f'Malta. Franco Azzopardi l-Isports leader għandu jieħu ħsieb ta' din l-attivita'.

**Item 6. Materja oħra**

306 Il-Kunsill qabel li jordna ammont ta' *Business cards* għal kunsilliera. Għandhom jinġiebu l-kwotazzjonijiet.

307 Il-perit tal-Kunsill għandu jirranġa l-iskema ta' parkeġġ li hemm fil-Pjazza Santa Margarita. Dan ser isir sabiex jiġu eliminati ż-żewġ parkeġġi l-kbar li hemm.

308 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li hemm bżonn ta' filing cabinets għall-uffiċċju tal-Kunsill. Għandhom jinġiebu l-kwotazzjonijiet għal *four drawer filing cabinets*.

309 Saret it-talba lill-MEPA għal fondi li hemm tal-UIF għax-xogħol li sar fi Triq it-28 ta' April 1688.

310 Il-Kunsill qabel li ssir talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, id-Dipartiment tal-Artijiet u l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex il-Kunsill iżomm il-post fejn fil-preżent il-Kunsill għandu l-uffiċċini tiegħu sabiex 'il quddiem jintuża bħala *Child Care Centre* u librerija lokali.

311 Il-Kunsill qabel li fil-librerija tal-lokal isir inventarju tal-kotba li hemm.

312 Il-Kunsill għandu jivverifika jekk jistax jibgħat kartolina fid-djar tar-residenti tal-lokalita'.

**Item 7. Ilmenti**

313 Wasal ilment mill-Ministeru għal Għawdex dwar *illegal dumping* ta' affarijiet f'Ta' Bardan.

314 Doren Formosa, *St. Margaret*, Triq il-Kbira ilmentat dwar sigra li hemm mad-dar 99 fejn hi ta' periklu għaliex x'ħin tgħaddi minn hemm trid taqbeż il-bankina.

315 Pauline Ghigo ilmentat dwar sewqan tal-karozzi u pproponiet lill-Kunsill sabiex jsiru xi *sleeping policemen* fi Triq il-Kbira imħabba s-sewqan esagerat li qed ikun hemm.

316 Carmel Rapa, *Sacred Heart*, Triq il-Falkun talbet sabiex isiru l-bankini li hemm neqsin li hemm, inkluż tagħha fi Triq Falkun. Peress li dawn huma bankini ġodda għandha ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex issiru dawn il-bankini.

317 Vitorin Mercieca, 23, *St. Margaret*, Triq Bebunaq tablet sabiex tiġi rrangata l-bankina quddiem id-dar tagħha.

318 Mario Falzon ilmenta dwar Triq Qortina li hemm bini ġdid li tlesta u tħalla l-ġebel fin-nofs.

319 Joanne Gambin, 11, *Kampanjoli*, Triq Bardan talab sabiex issir mera ġdida fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq Bardan għaliex dik li kien hemm tkissret. Għandha tiġi ordnata mera oħra.

320 Adeodato Buttigieg ta' 50, Triq il-Kbira talab sabiex issir bozza ġdida fejn id-dar tiegħu. Din ġiet approvata mill-Kunsill.

321 Carmel Bajada ta' Triq it-Tempju tal-Imramma tablet sabiex tiġi rrranġata l-bankina tad-dar tagħha. Din il-bankina hi urġenti għaliex tinstab fi stat ħażin ħafna. Għandha sir talba lil IPSL sabiex jagħmlu din il-bankina.

322 Is-Sindku semma li f'Tal-Bardan hemm rokna ħmieġ li hemm bżonn li titnaddaf.

**Item 7. Approvazzjoni tal-Kontijiet**

323 Ġew approvati l-kontijiet pendenti skont Skeda Nru. 3.

Il-laqgħa spiċċat fil-9.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa, 25 ta' Novembru 2009 fis-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |